

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (il-Latvja) fit-23 ta' Mejju 2016 – IK “L. C.”**

**(Kawża C-288/16)**

(2016/C 260/42)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

### **Qorti tar-rinviju**

Augstākā tiesa

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: IK “L.Ċ.”

Konvenut: Valsts ieñemumu dienests

### **Domandi preliminari**

1. L-Artikolu 146(1)(e) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE <sup>(1)</sup>, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni minnu prevista hija applikabbli biss jekk ikun hemm rabta legali diretta, jiġifseri relazzjonijiet ta' negozju reċiproċi, bejn il-fornitur tas-servizz, minn naħa, u d-destinatarju jew il-kunsinnatur tal-merkanzija, min-naħħa l-oħra?
2. Liema kriterji għandha tissodisfa r-rabta diretta, fis-sens tad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq, sabiex servizz relatati mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni tal-merkanzija jitqies eżenti?

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, p. 1.

---

**Appell ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2016 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (It-Tieni Awla) fis-16 ta' Marzu 2016 fil-Kawża T-103/14, Frucona Košice a.s. vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-300/16 P)**

(2016/C 260/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### **Partijiet**

Appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Armati, T. Maxian Rusche, B. Stromsky, K. Walkerová, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: Frucona Košice a.s.

### **Talbiet**

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tieni Awla) tas-16 ta' Marzu 2016, innotifikata lill-Kummissjoni fl-istess ġurnata, fil-Kawża T-103/14 Frucona Košice a.s. vs Il-Kummissjoni;
- tiddeċiedi hija stess fir-rigward tar-rikors fl-ewwel istanza u tiċħad l-istess rikors bħala legalment infondat; u
- tikkundanna lill-parti l-oħra fil-proċedura, rikorrenti fl-ewwel istanza, għall-ispejjeż.

Sussidjarjament, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tieni Awla) tas-16 ta' Marzu 2016, innotifikata lill-Kummissjoni, fl-istess ġurnata, fil-Kawża T-103/14 Frucona Košice a.s. vs Il-Kummissjoni; u
- terġa' tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti Ġeneral sabiex teżamina t-tieni, u, sa fejn meħtieġ, it-tieled u r-raba' motivi fl-ewwel istanza; u
- tirriżerva l-ispejjeż tal-proċedimenti fl-ewwel istanza u l-ispejjeż ulterjuri.

### **Aggravji u argumenti prinċipali**

Skont il-Kummissjoni, id-deċiżjoni appellata għandha tiġi annullata għar-raġunijiet li ġejjin, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-applikabbiltà tal-kriterju tal-kreditur privat, u, fit-tieni lok, l-applikazzjoni tal-kriterju tal-kreditur privat.

Fir-rigward tal-applikabbiltà tal-kriterju tal-kreditur privat, il-Kummissjoni tqajjem tliet aggravji. Fl-ewwel lok, interpretazzjoni żbaljata tad-deċiżjoni kontenju-za; fit-tieni lok, żball ta' li ġiġi fl-interpretażżjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE dwar l-applikabbiltà tal-kriterju tal-kreditur privat; u, fit-tielet lok, applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' *res judicata*.

Is-sentenza appellata tqis li l-kriterju tal-kreditur privat hija applikabbi anki fejn l-Istat Membru jsostni, waqt il-proċedura amministrattiva, abbażi ta' argumenti ddettaljati, li l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet abbażi ta' kunsiderazzjonijiet li jiggwidaw operatur privat, sakemm ma jiġix sostnūt mod ieħor minn parti kkonċernata. Il-Kummissjoni tifhem mill-ġurisprudenza li l-pożizzjoni tal-Istat Membru hija ta' importanza fundamentali fir-rigward tal-applikabbiltà tal-kriterju tal-kreditur privat.

Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-kreditur privat, il-Kummissjoni tqajjem żewġ aggravji. Fl-ewwel lok, ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-kreditur privat. Fit-tieni lok, żball min-naħħa tal-Qorti Ġenerali fl-interpretażżjoni tal-obbligu ta' tmexxija ta' investigazzjoni diliġenti u imparzjali fir-rigward tal-ghajjnuna mill-Istat allegata skont l-Artikolu 107(1) TFUE.

Il-Qorti Ġenerali tirrikjedi mill-Kummissjoni li din tirrikostitwixxi *ex officio* l-aġir tal-kreditur privat ipotetiku ideali, razzjonali u kompletament informat. Barra minn hekk, dan ir-rekwiżiż jeżisti indipendentement minn dak li l-Istat Membru kkonċernat effettivament għamel jew qal. Il-Kummissjoni tifhem mill-ġurisprudenza li din ma tirrikjedix li l-Kummissjoni nnifha, qabel ma tagħmel l-evalwazzjoni tagħha, tiġibor il-provi u l-informazzjoni li kreditur privat kien jiġibor huwa stess, fil-każ fejn l-awtorità pubblika inkwistjoni ma tkunx għamlet dan. Il-kompli tagħha huwa pjuttost limitat sabiex tivverifika jekk, b'mod suġġettiv, l-awtorità pubblika, abbażi tal-aġir tagħha u tal-provi u informazzjoni li hija effettivament kellha meta adottat id-deċiżjoni tagħha, aġixxiet bħal ma kien jaġixxi kreditur privat fl-iktar sitwazzjoni possibilment viċina għal dik tal-awtorità pubblika meta adottat id-deċiżjoni dwar l-għoti tal-miżura inkwistjoni.

---

### **Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Marzu 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polona**

(Kawża C-545/15)<sup>(1)</sup>

(2016/C 260/44)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 16, 18.01.2016.